MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru 376/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**versus**

**Jesmond Portelli.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jesmond Portelli ta' 20 sena, ibden Nazzareno u Mary Grace nee Schembri, imwieled Tal-Pieta' fil-5 ta' Marzu 1985 u joqgħod fl-indirizz Plot 1, Tal-Ginger, Giuseppe Testaferrata Street, Ħaż-Żabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 162085 (M)

Akkużat talli f'Tal Plier, limiti ta' Ħaż-Żabbar, nhar is-27 t'April, 2004, f'xi ħin, matul l-istess jum:

1. Ikkometta sgass u serq ta' Satellite Decoder Echo Star, telefon ċellulari, CCTV camera, video camera, żewġ DVD's u diversi oġġetti tad-deheb li l-ammont tagħhom jeċċedi l-elf lira Maltija mill-fond Plot 1, Tal-Ginger' Giuseppe Testaferrata Street, Ħaż-Żabbar għad-dannu ta' missieru Nazzareno Portelli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

2. Xjenetement laqa' għandu ħwejjeġ msiruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom;

3. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor meta għamel ħsara fil-bieb ta' barra kif ukoll fil-bieb tal-kmara tas-sodda tal-fond imsemmi;

4. Talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;

5. Talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu IX ( recte 7) tal-Kapitolu 152 (recte 446) tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati, b'liema sentenza kien ġie misjub ħati ta' reat u liberat taħt kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-istqarrija tal-imputat a fol 13 et, id-dokument AC 1 li kien jikkontjeni flus rumeni, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu somamrji (fol 42), il-kunsens tal-imputat a fol 43 sabeix dawn il-proċeduri jkunu soaarji, il-fedina penali tal-imputat a fol 46, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat a fol 47 li jġib in-numru 1620 tas-sena 1985, il-current incident report  (a fol 50), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr

Anthony Vella (immarkat Dok CA) a fol 99, ir-relazzjoni ta' PC 94 Jack Farrugia u PS 1184 Patrick Grech (fol 118), is-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi li fiha kien illiberat biss ried joqgħod taħt id-direzzjoni ta' Probation Officer (fol 115) għal tliet snin u li ma kellux jagħmel reat ieħor fi żmien il-perjosu msemmi li beda jiddekorri mill-5 ta' Marzu 2004 u l-konferma tal-espert maħtura matul l-inkjesta a fol 96.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni, ċertu Nazzareno Portelli kien irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar li kien sar sgass fil-fond tiegħu Tal-Ginger Plot 1 Triq G Testaferrata Żabbar u nsterqu diversi oġġetti. Il-Pulizija aċċedew fuq il-post u raw ħsarat fuq il-bieb ta' barra kif ukoll fil-bieb tal-kamra tas-sodda. Id-derubat ma kien issuspetta f'ħadd. Il-Maġistrat tal-Għassa għamel inkjesta.

Mart id-derubat, li tinsab separate minnu, infurmat lid-derubat li kienet rat lil binha (l-imputat) liebes arloġġ tal-idejn li kellu l-wiċċ iaswed, kellu ċappetta tal-fidda u kien hemm xi kulur kannella.

Hawn id-derubat ċempel l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar u informa lill-Pulizija b'dan l-iżvilupp.

Omm l-imputat spjegat li binha kien homeless għax me kellux fejn joqgħod għax iż-żewġ ġenituri ma riduhx joqgħod magħhom. Huwa kien jgħix fl-indana tat-taraġ fil-blokk tal-flats fejn kienet toqgħod hi. Hija kienet issuspettat li l-arloġġ li wrieha binha kien tar-raġel tagħha. L-imputat kien talabha basket tal-plastik u kien tefa' xi ħaġa ġo fih. Kien marru flimkien f'ħanut u meta binha

ħalla l-baskett fl-art hija kienet refgħetu biex ma tħallihx mal-art iżda binha kien ħataf il-baskett minn idejha,

Il-missier kien irrifjuta li jżomm lil ibnu miegħu, għaliex, skond kif allega l-missier, kien serqu kemm minn Ħaż-Żabbar kif ukoll mill-fabbrika. Huwa kien induna li l-arloġġ li semmietlu l-mara kien tiegħu u li kien jiswa xi Lm50. Dan kien qiegħed mal-kumplament tal-oġġetti li nsterqu mid-dar tiegħu. (fol 9). Il-missier qal ukoll li l-flus Rumeni kienu tiegħu u mhux ta' ibnu. (fol 9).

Waqt li l-imputat kien fl-uffiċċju tal-Prosekutur, il-Prosekutur kien fittex fil-wallet tal-imputat u sablu flus Rumeni. Dawn kienu tliet karti tal-għaxart elef lira, tliet karti tal-ħamsin elf lira u żewġ karti tal-mitt elf lira s'intendi il-currency kienet Rumena. L-imputat qal li dawn kien tahomlu missieri meta kien mar miegħu fir-Rumanija. Missier l-imputat ċaħad li hu qatt kien ta dawn il-flus lil ibnu. (fol 10).

L-Istqarrija tal-Imputat

L-imputat qal li ma kienx jaf li kienu serqu 'l missieru mid-sdar. (fol 13). Dwar il-flus Rumeni, l-imputat qal li dawn kien tahomlu missieru xi sena qabel. Huwa ċaħad li kien wera arloġġ tal-idejn lil ommu jew li kellu xi arloġġ f'idejh. Dwar il-baskett li talab lil ommu, huwa qal li kellu bżonnu biex iwaddab is-slipper fl-iskip. Mill-grocer kien ħareġ normali u mhux bil-herra. Huwa ammetta li ġieli kien seraq xi oġġetti iżda dan kien ilu. Qal ukoll li ma kienx jaf x'qalet ommu dwar il-fidda.

Xehed missier l-imputat Nazzareno Portelli. Huwa qal li dak iż-żmien ibnu kellu l-vizzju tad-droga u biex jixtri d-droga missieru kien isib xi affarijiet neqsin. Għalhekk kien keċċa lil ibnu mid-dar. Meta kien mar id-dar fis-27 t'April 2004 huwa kien sab il-bieb tal-kamra tas-sodda sgassat u kollox mal-art. Il-bieb ta' barra kien illevat. Sab neqisin żewġ DVD's (Lm135 u Lm35), dieo camera (Lm180), decoder tas-satellita (Lm325), arloġġ (Lm50). Iċ-ċinga tal-arloġġ kienu kulur kannella uf ġewwa kellu l-iswed. Ittieħed mobile (Lm175). Kien nhemm ukoll xi 20 Euro u l-

flus Rumeni li jumejn qabel kien tefagħhom fil-kexxun. (fol 24). Kellu tnejn tal-mitt elf, tnejn ta' ħamisn elf u xi tnejn jew tlieta ta' għaxart elef. Huwa ċaħad li xi darba tam inn dwn lil flus lit-tifel tiegħu. Darba kien siefer lit-tifel miegħu iżda dejjem kien xtara kollox il-missier u qatt ma ta flus f'idejn it-tifel. Meta kien mar mat-tifel ma kien baqagħlu xejn. Il-flus imsemmija kienu baqgħu għand il-missier l-aħħar darba li mar ir-Rumanija xi tleit xhur qabel. Huwa qal li kien ċert fuq dak li kien qiegħed jgħid mija fil-mija. Huwa żied jgħid li kien hemm xi affarijiet oħra neqsin u li ma ssemmewx fl-inkjesta (fol 27 u 28).

Il-mara kienet ċemplitlu u qaltlu li kienet rat arloġġ f'idejn it-tifel u li kien talabha xi baskett.

Ix-xhud ikkonferma li meta sar il-konfront bejnu u bejn ibnu fl-għassa l-missier kien ċaħad kategorikament li kien ta xi flus lil ibnu. (fol 30).

Xehdet ukoll omm l-imputat (minkejja li kienet eżentata milli tixhed- fol 4). Hija kkonfermat li binha ma kien qed jorqod ma' ħadd. Hija qalet li binha kien urieha arloġġ tal-idejn b'wiċċ iswed u ċinga sewda. Dan l-arloġġ qatt ma kienet ratu f'idejn binha qabel. L-imputat kein talabha basket tal-plastikli meta marru għand tal-groacer binha kien poġġa mal-art. Hi qabdet il-basket biex itth lil binha f'idu li ħadu u telaq. Hija kienet rat qisu fidda (fol 37).

PS 91 Michael Buttigieg ippreżenta ir-rapport li kien sar minn Nazzareno Portelli dwar is-serqa li seġġet fis-27 t'April 2005 mir-residenza Ginger House, Flat 1, Trqi G Testaferrata, Żabbar. (fol 48).

Xehdet ukoll il-Proabation Officer Mary Rose Farrugia li kienet inħatret mill-Qorti sabiex taħgmel Provisioanl Supervision Order. Hija kienet esprimiet it-tama li l-impujtat jagħmel sforz akbar għalkemm bażikament dejjem kien żamm kuntatt magħha. (fol 78 u 82). L-istess Porbation Officer tat aktar dettalji dwar l-andament tal-imputat fil-15 ta' Marzu 2006. (fol 85). Hija qalet li ġieli kellha ċċanfar lill-imputat iżda li wieħed

'ma jistax jinjora ċertu żvantaggi li l-imputat sabu ruħu f'ħajtu.' (fol 87).[1]

Xehed ukoll Dr Stefano Filletti li qal li ma kellux xejn xi jżid ma' dak li kien hemm fir-rapport. Ir-rapport isemmi li l-affarijiet li naqsu jammontaw għal Lm950.[2] Il-lista li tidher a fol 13 tal-proces verbal taqbel sostanzjalment ma' dik li ssemmiet minn Nazzareno Portelli.

L-Ispettur Silvio Valletta esibixxa s-sentenza li tidher a fol 115.

PS 1184 Patrick Grech u PS 94 Jack Farrugia kkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom bil-ġurament u kien kkonfermat ukoll li eżamijiet għal xi impronti diġitali keinu negattivi.

Id-difiża ddikjarat li ma kenitx ser ittella' xhieda.

**Konklużjonijiet tal-Qorti**

Mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Prosekutur, kien l-istess Prosekutur li sab il-flus Rumeni fil-wallet tal-imputat meta l-Ispettur eżamina l-wallet tal-imputat. Il-Qorti ma temminx il-verżjoni li ta l-imputat li dawn kienu tahomlu missieru. L-ewwelnett l-ammont huwa konsiderevoli u t-tieni l-missier ċaħad bl-aktar mod kategoriku li huwa kien ta dawn il-flus lil ibnu. Anzi, il-missier qal li meta ħa lil ibnu miegħu fir-Rumanija, kien ħallas kollox il-missier ukoll meta nxtraw affarijiet minn fuq il-post. Il-Qorti lanqas għandha dubju li dawn kienu xi flus Rumeni oħrajn u dan għaliex (a) huwa possibilita' remota ħafna li wieħed jinsab b'dak l-ammont ta' currency rumena f'Malta; u (b) U l-aktar għaliex fl-istqarrija l-imputat fl-ebda moment ma mera li dawn kienu ta' missieru. L-uniku difiża li qajjem

[1] Fit-22 ta' Novembru, 2006, il-Probation Officer irrapurtat li l-imputat kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' kordin fuq tentattiv ta' serq. (fol 95).

[2] Jidher li kien hemm xi affarijiet li ma kinux rapportati neqsin għax id-derubat kien għadu ma ndunax fosthom il-flus Rumeni.

kienet li missieru kien tahomlu, ħaġa li l-missier innega enfatikament. (Ara fol 30).

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-imputat kellu flus rumeni li kienu ta' missieru mingħajr ma missieru ma kien tah permess biex jippossedihom.

It-tieni konsiderazzjoni tal-Qorti hija dwar l-arloġġ ta' Lm50 li omm l-imputat qalet li kien urieha l-imputat innifsu. Issemmiet ċinga silver kulur kannella u ġewwieni iswed (fol 23). L-omm iddeskriviet l-arloġġ hekk: Il-wiċċ iswed u ċ-ċinga silver. Il-missier qal li dan l-arloġġ kien qalgħu rigal. Il-Qorti trid tikkonsidra jekk l-arloġġ li wera l-imputat lil ommu kienx dak li kien jappartjeni lil missieru. Huwa tassew li jista' jkun hawn ħafna arloġġi li jaqgħu taħt l-istess deskrizzjoni iżda hemm limitu għall-kumbinazzjonijiet ukoll. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat tassew kellu f'idejh l-arloġġ li kien ta' missieru u li dan ħadu mingħajr il-kunsens ta' missieru. M'hemm ebda prova li dan l-arloġġ kien tad-deheb.

It-tielet konsiderazzjoni tal-Qorti hija dwar is-serq tad-diversi oġġetti tad-deheb. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx provi konkreti okulari jew forensiċi li dawn ittieħdu mill-imputat.

Ir-raba' konsiderazzjoni hija dwar is-satellite decoder echo star, telefon ċellulari, CCTV camera, video camera, u żewġ DVD's. Fil-fehma tal-Qorti ma nġiebet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li dawn ittieħdu mill-imputat. La hemm provi forensiċi u lanqas provi okulari.

Fi proċeduri kriminali l-provi jridu jkunu qawwija sabiex iwasslu biex l-imputat jinstab ħati. Il-fatt li l-imputat instab fuqu flus rumeni li kienu ta' missieru u ċurkett ukoll tal-missier jistgħu joħolqu suspett li l-imputat ħa l-affarijiet l-oħra iżda s-suspett mhux prova.

Il-ħames konsiderazzjoni tal-Qroti hija jekk il-flus rumeni u ċ-ċurkett jissemmewx fl-ewwel imputazzjoni jew fl-imputazzjonijiet l-oħra. Minn eżami akkurat tal-kliem użat

fiċ-ċitazzjoni l-flus rumeni ma jissemmewx u lanqas ma jissemmew il-flus b'mod ġeneriku.

Għal dak li jirrigwardu la-rloġġ ta' Lm50, dan ma jissemmiex speċifikament u lanqas ma jsita' jitqies bħala 'oġġett tad-deheb' – il-frażi li tidher fl-ewwel imputazzjoni.

Is-sitt konsiderazzjoni hija dwar il-ħsara li ssemmiet li saret lill-bieb (ara t-tielet imputazzjoni). Hawn lanqas biss l-ammont tal-ħsara ma ġie ppruvat u ma jidhirx li hemm referenza għall-ħsara fil-proces verbal. Għal darb'oħra l-Qorti qed tiddeċiedi li mkien ma nġabet prova li din saret mill-imputat.

Is-seba' konsiderazzjoni hija dwar ir-reċidiva. Is-sentenza li kienet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni ma turix li kien hemm xi kundanna u għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li ma saret ebda prova tar-reċidiva.

It-tmien konsiderazzjoni hija dwar il-ksur tal-probation. Il-Qorti tista' ssib dan il-ksur jekk l-imputat jinstab ħati ta' xi waħda mill-imputazzjonijiet. Minħabba li l-lista tal-oġġetti fl-ewwel imptuazzjoni ma tinkludix il-flus rumeni jew l-arloġġ tal-Lm50 u ġaladarba m'hemm ebda prova li l-imputat ħa l-oġġetti l-oħra msemmija fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni u konsegwentement tal-imputazzjoni li huwa kiser xi kundizzjoni.

Id-disa' imputazzjoni hija dwar it-tieni imputazzjoni. Din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel waħda iżda lanqas għal din l-alternattiva m'hemm provi daparti tal-Prosekuzzjoni.

In ġenerali l-Qorti qed tikkonkludi li s-suspetti mhux biżżejjed għax dawn iridu jkunu sorretti bi provi tajbin u ta' min joqgħod fuqhom.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 289, 261(b)(ċ)(d)(e) 263, 267, 268(b) 269(g), 334(a) 325(1)(d)tal-Kap 9 kif ukoll u l-artikolu 23 tal-Kap 446, qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------